L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**OLIVER FRIGGIERI (1947 – 2020)**

L-Akkademja tal-Malti ssellem lill-Prof. Oliver Friggieri li miet illum is-Sibt, 21 ta' Novembru 2020 fl-għomor ta' 73 sena.

Jibqa' magħruf bħala wieħed mill-awturi l-aktar rispettati tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin kif ukoll bħala l-kritiku ewlieni tal-letteratura Maltija, poeta u kontributur regolari f'ġurnali u rivisti akkademiċi kemm Maltin kif ukoll barranin.

Oliver Friggieri twieled il-Furjana fl-1947. Beda jikteb il-poeżija meta kien għadu fl-iskola Primarja tal-Furjana, minn fejn għadda għas-Seminarju u għall-Università. Hu l-awtur ta' numru kbir ta' kotba maħruġa f'Malta u f'diversi pajjiżi barranin. Ir-rumanzi, in-novelli, u l-poeżiji tiegħu ġew maqlubin f'diversi lingwi. L-istudji tiegħu, bl-Ingliż u bit-Taljan, dehru f'għadd kbir ta' rivisti akkademiċi internazzjonali. Ħa l-ewwel MA (1975) u Ph.D. (1978) fil-letteratura Maltija b'teżijiet ta' kritika komparata.

Huwa kien kofundatur tal-Moviment Qawmien Letterarju, u għamel żmien l-editur ta' *Il-Polz* (1969-1973) – ir-rivista tal-Moviment. Kien ukoll kofundatur tar-rivista *Sagħtar* u ħadem mill-qrib ma' Pawlu Mizzi biex twaqqaf il-Klabb Kotba Maltin fl-1971.

Fl-1976 inħatar lettur fid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u kien Kap tad-Dipartiment tal-Malti (1988 sal-2002) u Professur tal-Letteratura mill-1990.

Il-Presidenta u l-membri tal-kunsill jinsabu maħsudin bl-aħbar ta' mewtu. Nixtiequ nfissru s-sogħba tagħna lil martu Eileen, lil bintu Sara u n-neputijiet tiegħu. Ngħaddu l-kondoljanzi tagħna lil qraba u l-ħbieb tiegħu wkoll.

Prof. Oliver Friggieri jibqa' għal dejjem l-ikona tal-letteratura Maltija u l-kuxjenza tan-nazzjon tagħna.

12, App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant'Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org